MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 8/2006

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**1. Dottor Beppe Fenech Adami u l-PL Veronica Rossignaud li b'digriet tat-12 t'Ottubru 2005 inhatru Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Gaetano Costa**

**2. Lorraine Fino**

**Il-Qorti,**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici fejn il-Bank attur wara li ppremetta:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 15 ta' Dicembru 1998 (Dok "A"), in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri, is-socjeta' attrici ikkoncediet facilita' bankarja lil konvenuti Gaetano Costa u Lorraine Fino;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Gaetano Costa u Lorraine Fino fis-somma ta' hdax-il elf, mitejn u wiehed u hamsin Liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm11,251.19) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Gaetano Costa u Lorraine Fino mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Dicembru 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 15 ta' Dicembru 1998 fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Gaetano Costa u Lorraine Fino (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Frar, 2005 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti,

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici tablet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

(1) Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Gaetano Costa u Lorraine Fino (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Gaetano Costa u Lorraine Fino Ii jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

(2) Tikkundanna lil konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, mitejn u wiehed u hamsin Liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm11.251.19) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Gaetano Costa u Lorraine Fino mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Dicembru 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar 2005 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta Lorraine Fino tas-17 ta’ Mejju 2006 li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Rat li l-ammont ghadu kollu dovut, u dan gie kkonfermat mill-PL Joseph Zammit ghas-socjeta` attrici;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta Lorraine Fino, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw ipruvati.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuta Lorriane Fino permezz ta’ nota, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu b’xi mod l-istess huma inkompatibbli ma dak hawn deciz, tiddeciedi billi **tilqa’ t-talbiet tal-Bank attur** kif dedotti fic-citazzjoni b’dan illi:

(1) Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Gaetano Costa u Lorraine Fino (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Gaetano Costa u Lorraine

Fino li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

(2) Tikkundanna lil konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, mitejn u wiehed u hamsin Liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm11.251.19) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Gaetano Costa u Lorraine Fino mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Dicembru 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar 2005 u tal-Mandati ta' Sekwestru li gew ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------